Qorti Ċivili, Prim' Awla

Imħallef Anthony Ellul

Rikors numru: 311/89

**Cecil Pace u Henry Pace f'isimhom proprju u bħala diretturi tal-Bank of Industry, Commerce and Agriculture Ltd. u Cecil Pace bħala direttur tas-soċjetajiet Finindustry Ltd, Finexport Ltd, Tradefin Ltd, Universal Investment Co. Ltd, M.I.D.C. Ltd, V.I.P. Ltd, Marsa Plastics Ltd, Marsa Industries Ltd., John Bezzina & Sons Ltd, Harris Huges & Johns Ltd, Maltese Properties Ltd, Polymports Ltd, Sinet (Malta) Ltd, Dolphin Builders Ltd, San Juan Construction Ltd, Carways Ltd, Adelphi Investments Ltd, John N. Cassar Ltd, President Hotels Ltd, u President Cleaners Ltd. u b' nota tat-13 ta' Mejju 2005, Michael Pace bħala direttur tas-soċjetà World Travel & Tourism Services Ltd assuma l-atti ta' din il-kawża minflok Henry Pace**

**vs**

**Emanuel A. Bonello f' ismu proprju u bħala kontrollur tal-Bank of Industry, Commerce and Agriculture Limited u bħala kontrollur u jew amministratur tal-kumpanniji assoċjati Finindustry Ltd, Finexport Ltd, Tradefin Ltd, Universal Investment Company Limited, M.I.D.C. Ltd, V.I.P. Ltd, Marsa Plastics Ltd, Marsa Industries Ltd, John Bezzina & Sons Ltd, Harris Huges & Johns Ltd, Maltese Properties Ltd, Polymports Ltd, Sinet (Malta) Ltd, Dolphin Builders Ltd, San Juan Construction Ltd, Carways Ltd, Adelphi Investments Ltd, John N. Cassar Ltd, President Hotels Ltd, President Cleaners Ltd. u Dottor Carmelo Mifsud Bonnici u b' nota tal-24 ta' Jannar 2003 Raymond Gatt bħala wieħed mill-partners ta' "Gatt, Galea & Co" assuma l-atti ta' din il-kawża minflok Emanuel A. Bonello u**

**b’nota tat-28 ta’ Frar 2012 MGI Malta bħala kontrollur il-ġdid tal-Bank of Industry, Commerce and Agriculture Ltd tassumi l-atti flok Dr. Carmelo Mifsud Bonnici**

Il-Ħamis, 25 ta’ Ġunju 2020.

Il-Qorti,

1. Rat iċ-ċitazzjoni[1] ppreżentata mill-atturi fil-Qorti tal-Kummerċ fis-17 ta’ Marzu 1989 u li permezz tagħha ppremettew u talbu s-segwenti:

> ‘*Premess illi l-atturi Cecil Pace u Henry Pace huma azzjonisti, kredituri u diretturi tal-Bank of Industry, Commerce and Agriculture Limited kif ukoll azzjonisti u kredituri direttament u jew indirettament tas-soċjetajiet Finindustry Ltd, Finexport Ltd, Tradefin Ltd, Universal Investment Company Ltd, M.I.D.C. Ltd, V.I.P. Ltd, Marsa Plastics Ltd, Marsa Industries Ltd, John Bezzina & Sons Ltd, Harris Hughes & Johns Ltd, Maltese Properties Ltd, Polymports Ltd, Sinet (Malta) Ltd, Dolphin Builders Ltd, San Juan Construction Ltd, Carways Ltd, Adelphi Investments Ltd, John N. Cassar Ltd, President Hotels Ltd, u President Cleaners Ltd li tagħhom Cecil Pace huwa ukoll direttur; u*
>
> *Premess illi l-atturi Cecil Pace u Henry Pace personalment bħala ċessjonarji ta’ Gus Export International Limited għandhom jieħdu mingħand il-Malta & Europe Hotels Limited madwar tlett mitt-elf lira Maltin (Lm300,000) inklusi l-imgħaxijiet; u*
>
> *Premess illi il-Bank of Industry, Commerce and Agriculture Limited flimkien mal-kumpanniji assoċjati fuq imsemmija għandhom jieħdu mingħand is-soċjetà Malta & Europe Hotels Limited total ta’ madwar miljun u seba’ mitt elf lira Maltin (Lm1,700,000) li nofshom jirrapreżentaw self, overdraft, provvisti, plumbing u electrical installation, air conditioning, lifts, catering equipment, twapet, joinery, karpenterija kif ukoll fornituri u servizzi varji mogħtija u il-bilanċ ta’ madwar tmien mija u ħamsin elf lira Maltin (Lm850,000) jirrappreżentaw l-imgħaxijiet relattivi li ma setgħawx jeċċedu l-kapital; u*
>
> *Premess illi il-konvenut Emanuel A. Bonello huwa kontrollur tal-Bank of Industry, Commerce and Agriculture Limited u kontrollur jew amministratur tal-kumpanniji assoċjati fuq imsemmija li tagħhom u tal-B.I.C.A.L. il-konvenut Dottor Carmelo Mifsud Bonnici kien il-kontrollur u jew amministratur; u*

[1] Fol. 1 – 8.

*Premess illi biex jipproteġġi u jissalvagwardja l-interessi tal-Bank of Industry, Commerce and Agriculture Limited u tal-kumpanniji assoċjati fuq imsemmija hemm bżonn illi l-konvenut Emanuel A. Bonello, bħala kontrollur u amministratur jippreżenta ċitazzjoni kontra s-soċjetà Malta & Europe Hotels Limited għall-imgħaxijiet fuq l-imgħaxijiet jew imgħaxijiet komposti li jammontaw għall-madwar tmienja u sittin elf lira Maltin (Lm68,000) kull sena għal dawn l-aħħar erba' snin minn 1985 li jammontaw għal madwar mitejn u tnejn u sebgħajn elf lira Maltin (Lm272,000) minbarra l-imgħaxijiet komposti mill-25 ta' Novembru 1972 sal-25 ta' Mejju 1985 li jammontaw għal mija u seba' u sittin elf, erbgħa mija u sebgħa u għoxrin lira Maltin (Lm167,427) li b'kollox sallum jagħmlu total ta' madwar erba mija disgħa u tletin elf erba' mija u sebgħa u għoxrin lira Maltin (Lm439,427);*

*Premess illi b' hekk l-ammont totali dovut lill-atturi Cecil Pace u Henry Pace personalment kif ukoll lill-Bank of Industry, Commerce and Agriculture Limited u il-kumpanniji assoċjati mingħand is-soċjetà Malta & Europe Hotels Limited li hija proprjetarja tal-Grand Hotel Excelsior ilaħħaq għall-madwar żewġ miljuni u ħames mitt elf lira Maltin (Lm2,500,000); u*

*Premess illi l-Interim Report dwar il-kumpanniji assoċjati mall-B.I.C.A.L. għall-perjodu mill-25 ta' Novembru 1972 sal-31 ta' Lulju 1988 magħmul mill-kontrollur Emanuel A. Bonello u imqiegħed fuq il-mejda tal-Kamra tar-Rappreżentanti mill-Ministru tal-Finanzi fis-6 ta' Frar 1989, fir-rigward tal-Malta & Europe Hotels Limited jinkludi biss l-imgħaxijiet ordinarji miżjuda mal-kapital dovut lill-B.I.C.A.L. u lill-kumpanniji assoċjati u stante illi l-imgħaxijiet laħħqu l-ammont tal-kapital waqfu hemm u m'humiex jiżdiedu aktar jekk ma jingħadux ukoll l-imgħaxijiet komposti; u*

*Premess illi bl-aġir tagħhom il-konvenuti Emanuel A. Bonello proprio et nomine u Dottor Carmelo Mifsud Bonnici ikkaġunaw danni lill-atturi proprio et nomine ta' aktar minn erbgħa mija u sebgħa u għoxrin lira Maltin (Lm439,427).*

*Jgħidu għalhekk il-konvenut Emanuel A. Bonello proprio et nomine u l-konvenut Dottor Carmelo Mifsud Bonnici għaliex m'għandiex dina l-Onorabbli Qorti għar-raġunijiet premessi:*

1. *tiddeċiedi u tiddikjara illi il-konveut Emanuel A. Bonello proprio et nomine għandu jipproteġġi u jissalvagwardja l-interessi tal-atturi proprio et nomine, tal-B.I.C.A.L. u tal-kumpanniji assoċjati kif ukoll dawk tad-depożitanti, kredituri u azzjonisti ikkoncernati billi jitlob l-imgħaxijiet komposti dovuti mingħand is-soċjetà Malta & Europe Hotels Limited lill-B.I.C.A.L. u lill-kumpanniji assoċjati;*

2. *Tordna lill-konvenut Emanuel A. Bonello proprio et nomine jippreżenta ċitazzjoni kontra s-soċjetà Malta & Europe Hotels Limited minnufih għall-imgħaxijiet komposti relattivi;*

3. *Tiddikjara u tikkundanna fin-nuqqas lill-konvenuti Emanuel A. Bonello u lil-Dottor Carmelo Mifsud Bonnici personalment responsabbli għad-danni kollha ikkaġunati minnhom lill-atturi proprio et nomine liema danni jiġu likwidati b' ġudizzju separat.*

*Bl-ispejjeż kontra il-konvenuti proprio et nomine li huma nġunti għas-subizzjoni.'*

2. Fis-27 ta' April 1989, il-konvenut Emanuel A. Bonello proprio et nomine ppreżenta in-nota tal-eċċezzjonijiet[2] tiegħu u eċċepixxa:

> '*1. Illi id-domandi attriċi in kwantu huma diretti kontra l-esponenti personalment ma jistgħux ireġġu stante li kull ma għamel l-esponenti għamlu fil-kapaċità tiegħu ta' kontrollur u kwindi personalment ma jista' qatt jiġi kkundannat responsabbli għad-danni.*
>
> *2. Sussidjarjament u bla preġudizzju għall-premess illi l-atturi ma għandhomx dritt jistitwixxu din il-kawża. Id-domandi attriċi in kwantu huma diretti mill-atturi personalment ma jistgħux ireġġu stante illi l-atturi personalment ma għandhom ebda interess ġuridiku fl-esitu ta' din il-kawża, dato ma non concesso li għandhom id-dritt jistitwuwha. Illi huwa minnu illi Cecil Pace huwa direttur ta' xi uħud mis-soċjetajiet attriċi pero ir-rappreżentanza ġuridika tagħhom ma tinvestiex fih iżda fil-kontrollur u kwindi għalhekk it-talbiet attriċi kif u minn min proposti ma jistgħux ireġġu, u għandhom jiġu respinti bl-ispejjeż.*
>
> *3. Bla preġudizzju għall-premess, illi in kwantu l-azzjoni hija proposta mill-atturi kollha, din ma tistax treġġi stante li l-esponenti ġie maħtur Kontrollur mill-Onorevoli Ministru tal-Finanzi, bis-saħħa li tagħtih il-Liġi dwar il-Kummerċ Bankarju tal-1970 u kwindi il-leġittimu kontradittur tal-esponenti jista' jkun biss l-istess Ministru tal-Finanzi u mhux l-atturi. L-esponenti għandu jwieġeb biss lejh u mhux lejn l-atturi għall-aġir tiegħu.*
>
> *4. Illi mhux minnu li l-esponenti flok issalvagwardja d-drittijiet u l-interessi tal-azzjonisti u tal-kredituri ta' dawn is-soċjetajiet u tal-BICAL ikkaguna danni inġenti. L-esponenti qed u qed jaqdi id-dmirijiet tiegħu skond il-liġi. Il-Qorti bir-rispett kollu ma tistax tordna lill-konvenut proprio et nomine sabiex jipproċedi kontra debitur tal-Bank u/jew tal-kumpanniji assoċjati partikolarment in vista tal-fatt illi sallum il-kreditu pretiz tal-atturi għadu mhux konfermat u aċċettat.*
>
> *5. Illi it-tielet talba hija għal kollox prematura u insostenibbli stante li wieħed ma jistax jintalab kontrih li jinżamm responsabbli għad-danni jekk ma jikkonformax ruħu ma' sentenza tal-Qrati.*
>
> *6. Salvi eċċezzjonijiet oħra.'*

3. Fit-2 ta' Mejju 1989, il-konvenut Dr. Carmelo Mifsud Bonnici ppreżenta in-nota tal-eċċezzjonijiet[3] tiegħu u eċċepixxa:

> *'(1) Illi l-atturi ma għandhomx dritt jippromwovu l-azzjoni bħala diretturi tal-Bank of Industry, Commerce and Agriculture Ltd;*
>
> *(2) Illi Cecil Pace ma għandux dritt jippromwovi l-azzjoni bħala direttur tas-soċjetajiet l-oħra premessi;*

[2] Fol. 13 – 15.
[3] Fol. 17 – 22.

*(3) Illi t-talbiet attriċi ma jistgħu qatt jiġu milqugħa fuq il-premessi dedotti fiċ-ċitazzjoni u huma neqsin minn premessi meħtieġa fil-liġi;*

*(4) Illi t-talbiet attriċi huma infondati fid-dritt;*

*(5) Illi l-esponent għandu jiġi liberat peress li t-talbiet attriċi ma jreġġux fir-rigward tiegħu llum.*

*B'riserva ta' eċċezzjonijiet oħra.*

*Bl-ispejjeż'*

4. Fil-5 ta' Mejju 1993, il-konvenut Dr. Carmelo Mifsud Bonnici ppreżenta nota tal-eċċezzjonijiet ulterjuri[4] u eċċepixxa:

> *'Illi huwa għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju peress li gie imħarrek biss personalment mentri in kwistjoni hemm l-operat tiegħu fil-kwalità ta' kontrollur tal-Bank de quo u tas-soċjetajiet kummerċjali de quo'*

5. Fil-5 ta' Mejju 1993, il-konvenut Dr. Carmelo Mifsud Bonnici ppreżenta nota tal-eċċezzjonijiet ulterjuri oħra[5] u eċċepixxa:

> *'Illi in kwantu l-atturi qed jaġixxu fil-kwalità tagħhom personali l-atturi iridu jippruvaw l-interess ġuridiku tagħhom fis-soċjetajiet kummerċjali li dwarhom l-attur qed jaġixxi f'din il-kawża.'*

6. Fid-29 ta' Diċembru 2014, il-konvenut Dr. Carmelo Mifsud Bonnici ppreżenta nota tal-eċċezzjonijiet ulterjuri oħra permezz ta' liema eċċepixxa:

> *'Illi f'din il-kawża, fil-konfront tal-eċċipjenti, l-atturi qegħdin jitolbu l-kundanna tal-eċċepjenti għad-danni allegatament ikkaġunati lilhom meta l-eċċepjent kien kontrollur tal-BICAL u tal-kumpaniji assoċjati mal-BICAL.*
>
> *Illi l-eċċipjent spiċċa minn kontrollur f'Diċembru 1984 u l-kawża ġiet intavolata fl-1989, ċioé wara l-għeluq ta' sentejn.*
>
> *Għalhekk l-eċċepjent jeċepixxi l-preskrizzjoni skont l-artikolu 2153 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta u jitlob li l-Onorabbli Qorti tiddikjara li l-azzjoni hija preskritta fil-konfront tal-eċċipjent.'*

7. Il-Qorti rat ukoll in-noti ta' sottomissjonijiet u qieset dak li jipprovdi l-artikolu 810B tal-Kap. 12.

[4] Fol. 69.
[5] Fol. 70.

**Ikkunsidrat:-**

<u>Sfond fattwali</u>

8. Fil-25 ta' Novembru 1972 il-Ministru tal-Finanzi appunta lil Earland, General Manager tal-Bank Centrali, bħala kontrollur tal-*Bank of Industry, Commerce and Agriculture Limited*[6] (minn hawn 'l quddiem imsejjaħ 'B.I.C.A.L.').

9. Wara li Earland talab li ma jibqax fl-inkarigu, fit-28 ta' Novembru 1972 inħatar minfloku l-konvenut Dr. Carmelo Mifsud Bonnici, LL.D.[7] Dan ta' l-aħħar irreżenja minn Kontrollur tal-B.I.C.A.L. fil-21 ta' Diċembru 1984 u minfloku nħatar l-konvenut l-ieħor Emanuel A. Bonello, F.I.A., C.P.A.A..[8]

10. B.I.C.A.L. kellha interess, dirett jew indirett, f'diversi kumpaniji hekk imsejjħa '*associated companies'.*[9] Fir-rapporti in atti jissemmew is-segwenti kumpaniji assoċjati:

- **Adelphi Investments Limited**: fil-11 ta' Diċembru 1972 il-konvenut Dr.Mifsud Bonnici akkwista 'A' *share* f'din il-kumpanija u fis-**16 ta' Frar 1976** inħatar Kontrollur tal-istess. Fil-**5 ta' Novembru 1985**, il-konvenut Bonello inħatar Kontrollur minflok Dr. Mifsud Bonnici;[10]

- **Carways Limited**: fil-11 ta' Diċembru 1972 il-konvenut Dr. Mifsud Bonnici akkwista 'A' *share* f'din il-kumpanija u fil-**21 ta' Settembru 1974** inħatar Kontrollur tal-istess. Huwa rreżenja fil-**5 ta' Novembru 1985** u floku nħatar il-konvenut Bonello;[11]

---

[6] Fatt li jirriżulta mid-deċiżjoni fl-ismijiet ***Martone Dottor Michele et noe vs Gatt Raymond noe et***, mogħtija fis-27 ta' Jannar 2014.
[7] *Third Interim Report on the Bank of Industry, Commerce and Agriculture Limited for the period of 1 January 1992 to 31 December 2002*, a fol. 571 tal-proċess.
[8] ibid.
[9] *Third Interim Report on the Companies Associated with The Bank of Industry, Commerce and Agriculture Limited for the period of 1 January 1992 to 31 December 2002*.
[10] Fol. 622, 408.
[11] Fol. 623, 291.

- **Dolphin Builders Limited**: fil-11 ta' Diċembru 1972 il-konvenut Dr.Mifsud Bonnici akkwista 'A' *share* f'din il-kumpanija. Fis-**7 ta' Frar 1986**, il-konvenut Bonello inħatar Kontrollur;[12]

- **Finexport Limited**: għalkemm fil-*financial statements* tal-1998 u fit-*Third Interim Report* ta' Gatt, Galea & Co jingħad li l-konvenut Bonello inħatar Kontrollur minflok il-konvenut Dr. Mifsud Bonnici fl-**1 ta' Awissu 1994**[13] Dr. Mifsud Bonnici jiċħad li qatt kien Kontrollur ta' din il-kumpanija;[14]

- **Finindustry Limited**: skont il-*financial statements* tal-1998 il-konvenut Dr. Mifsud Bonnici inħatar Kontrollur fil-**21 ta' Settembru 1974**[15] għalkemm fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu huwa jiċħad li kien Kontrollur ta' din il-kumpanija. Fit-*Third Interim Report* ta' Gatt, Galea & Co jingħad ukoll li l-konvenut Bonello inħatar Kontrollur minflok il-konvenut Dr. Mifsud Bonnici fil-**5 ta' Novembru 1985**;[16]

- **G.H.E. Limited**: kumpanija reġistrata fis-16 ta' Mejju 1978 '*for the purpose of taking over and settling the secured creditors of Malta and Europe Hotels Limited in return for the subrogation of their rights'*;[17]

- **Harris Hughes and Johns Limited**: fil-11 u fil-31 ta' Diċembru 1972 il-konvenut Dr. Mifsud Bonnici akkwista 'A' *shares* f'din il-kumpanija[18] u skont il-*financial statements* tal-1998 huwa inħatar Kontrollur nħatar Kontrollur fis-**17 ta' Settembru 1974**[19] iżda l-konvenut Dr. Mifsud Bonniċi jgħid li qatt ma kien Kontrollur ta' din il-kumpanija.[20] F'paġna 31 tat-*Third Interim Report on the Companies Associated with The Bank of Industry,*

---

[12] Fol. 624, 244.
[13] Fol. 432 u pġ 20 tat-*Third Interim Report on the Companies Associated with The Bank of Industry, Commerce and Agriculture Limited for the period of 1 January 1992 to 31 December 2002*
[14] Fol. 691.
[15] Fol. 445.
[16] Pġ 23 tat-*Third Interim Report on the Companies Associated with The Bank of Industry, Commerce and Agriculture Limited for the period of 1 January 1992 to 31 December 2002.*
[17] Pġ 28 tat-*Third Interim Report on the Companies Associated with The Bank of Industry, Commerce and Agriculture Limited for the period of 1 January 1992 to 31 December 2002.*
[18] Fol. 625.
[19] Fol.382.
[20] Fol. 676 u n-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu.

*Commerce and Agriculture Limited for the period of 1 January 1992 to 31 December 2002* jingħad li fil-**5 ta' Novembru 1985** l-konvenut Bonello inħatar Kontrollur minflok il-konvenut Dr. Mifsud Bonnici;

- **John Bezzina and Sons Limited**: Fil-11 ta' Diċembru 1972 il-konvenut Dr. Mifsud Bonnici akkwista 'A' *share* f'din il-kumpanija u fis-**16 ta' Frar 1976** inħatar Kontrollur tal-istess. Fil-**5 ta' Novembru 1985**, il-konvenut Bonello inħatar Kontrollur minflok Dr. Mifsud Bonnici;[21]

- **John N. Cassar Limited**: fil-11 ta' Diċembru 1972 il-konvenut Dr. Mifsud Bonnici akkwista 'A' *share* f'din il-kumpanija u fil-**21 ta' Settembru 1974** inħatar Kontrollur tal-istess. Fil-**5 ta' Novembru 1985** irreżenja minn tali kariga u floku nħatar il-konvenut Bonello;[22]

- **Malta and Europe Hotels Limited**: il-konvenut Dr. Mifsud Bonnici inħatar Kontrollur fil-**11 ta' Settembru 1974**.[23] Il-konvenut Bonello inħatar Kontrollur minflok Dr. Mifsud Bonnici fil-**5 ta' Novembru 1985**;[24]

- **Malta Maritime Services Limited**: il-konvenut Bonello inħatar Kontrollur minflok il-konvenut Dr. Mifsud Bonnici fl-**1 ta' Awissu 1994**;[25]

- **Malta Ropes Limited**: il-konvenut Bonello inħatar Kontrollur minflok il-konvenut Dr. Mifsud Bonnici fil-**5 ta' Novembru 1985**;[26]

---

[21] Fol. 626, 367.
[22] Fol. 627, 304.
[23] Fol. 256.
[24] Pġ 41 tat-*Third Interim Report on the Companies Associated with The Bank of Industry, Commerce and Agriculture Limited for the period of 1 January 1992 to 31 December 2002.*
[25] Pġ 49 tat-*Third Interim Report on the Companies Associated with The Bank of Industry, Commerce and Agriculture Limited for the period of 1 January 1992 to 31 December 2002.*
[26] Pġ 51 tat-*Third Interim Report on the Companies Associated with The Bank of Industry, Commerce and Agriculture Limited for the period of 1 January 1992 to 31 December 2002.*

- **Maltese National Lines Limited**: il-konvenut Dr. Mifsud Bonnici inħatar Kontrollur fis-**17 ta' Settembru 1974**.[27] Huwa rreżenja fil-**5 ta' Novembru 1985** u minfloku nħatar l-konvenut Bonello f'dik il-kariga;[28]

- **Maltese Properties Limited**: il-konvenut Dr. Mifsud Bonnici inħatar Kontrollur fis-**16 ta' Frar 1976**.[29] Il-konvenut Bonello inħatar Kontrollur minflok Dr. Mifsud Bonnici fil-**5 ta' Novembru 1985**;[30]

- **Marine Enterprises (Malta Limited)**: il-konvenut Bonello inħatar Kontrollur minflok il-konvenut Dr. Mifsud Bonnici fl-**1 ta' Awissu 1994**;[31]

- **Marsa Industries Limtied**: fil-11 ta' Diċembru 1972 il-konvenut Dr.Mifsud Bonnici akkwista 'A' *share* f'din il-kumpanija. A fol. 628 ma jissemmiex li nħatar kontrollur tal-istess iżda minn fol. 331 jirriżulta li Dr.Mifsud Bonnici nħatar Kontrollur fis-**17 ta' Settembru 1974**. F' paġna 66 tat-*Third Interim Report on the Companies Associated with The Bank of Industry, Commerce and Agriculture Limited for the period of 1 January 1992 to 31 December 2002* jingħad li l-konvenut Bonello inħatar Kontrollur minflok il-konvenut Dr. Mifsud Bonnici fil-**5 ta' Novembru 1985**;

- **Marsa Plastics Limited**: fil-11 u fil-31 ta' Diċembru 1972 il-konvenut Dr.Mifsud Bonnici akkwista 'A' *shares* f'din il-kumpanija iżda huwa jiċħad li qatt kien Kontrollur tagħha.[32] Filfatt, a fol. 629 ma jingħadx li Dr. Mifsud Bonnici nħatar kontrollur tal-istess u dan lanqas ma jirriżulta mill-*financial statements* mill-1 ta' Jannar sat-2 ta' Ġunju 1990.[33] Din il-kumpanija ma tissemmiex fit-*Third Interim Report on the Companies Associated with*

---

[27] Fol. 356.
[28] Pġ 54 tat-*Third Interim Report on the Companies Associated with The Bank of Industry, Commerce and Agriculture Limited for the period of 1 January 1992 to 31 December 2002..*
[29] Fol. 192.
[30] Pġ 57 tat-*Third Interim Report on the Companies Associated with The Bank of Industry, Commerce and Agriculture Limited for the period of 1 January 1992 to 31 December 2002.*
[31] Pġ 63 tat-*Third Interim Report on the Companies Associated with The Bank of Industry, Commerce and Agriculture Limited for the period of 1 January 1992 to 31 December 2002.*
[32] Fol. 691.
[33] Fol. 208 et seq, 344.

*The Bank of Industry, Commerce and Agriculture Limited for the period of 1 January 1992 to 31 December 2002;*

- **M.I.D.C. Limited**: il-konvenut Dr. Mifsud Bonnici inħatar Kontrollur fis-**17 ta' Settembru 1974**.[34] Fil-**5 ta' Novembru 1985** inħatar minfloku l-konvenut Bonello;[35]

- **Pabros Limited**: il-konvenut Bonello inħatar Kontrollur minflok il-konvenut Dr. Mifsud Bonnici fil-**5 ta' Novembru 1985**;[36]

- **Polymports Limited**: għalkemm fit-*Third Interim Report* ta' Gatt, Galea & Co jingħad il-konvenut Bonello inħatar Kontrollur minflok il-konvenut Dr. Mifsud Bonnici fil-**5 ta' Novembru 1985**,[37] Dr. Mifsud Bonnici jiċħad li qatt kien Kontrollur ta' din il-kumpanija;[38]

- **President Cleaners Limited**: fil-11 ta' Diċembru 1972 il-konvenut Dr.Mifsud Bonnici akkwista 'A' *shares* f'din il-kumpanija u fis-**17 ta' Settembru 1974** inħatar Kontrollur tal-istess. Fil-**5 ta' Novembru 1985**, il-konvenut Bonello inħatar Kontrollur minflok Dr. Mifsud Bonnici;[39]

- **President Hotels Limited**: fil-11 ta' Diċembru 1972 il-konvenut Dr.Mifsud Bonnici akkwista 'A' *share* f'din il-kumpanija u fil-**21 ta' Settembru 1974** inħatar Kontrollur tal-istess. Fil-**5 ta' Novembru 1985**, il-konvenut Bonello inħatar Kontrollur minflok Dr. Mifsud Bonnici;[40]

---

[34] Fol. 461.
[35] Pġ 71 tat-*Third Interim Report on the Companies Associated with The Bank of Industry, Commerce and Agriculture Limited for the period of 1 January 1992 to 31 December 2002.*
[36] Pġ 75 tat-*Third Interim Report on the Companies Associated with The Bank of Industry, Commerce and Agriculture Limited for the period of 1 January 1992 to 31 December 2002.*
[37] Pġ 78 tat-*Third Interim Report on the Companies Associated with The Bank of Industry, Commerce and Agriculture Limited for the period of 1 January 1992 to 31 December 2002.*
[38] Fol. 691.
[39] Fol. 630.
[40] Fol. 631, 315.

- **Rockyvale Alpino (Malta) Limited**: il-konvenut Bonello inħatar Kontrollur minflok il-konvenut Dr. Mifsud Bonnici **fil-5 ta' Novembru 1985**;[41]

- **Sinet Limited**: il-konvenut Dr. Mifsud Bonnici inħatar Kontrollur fis-**16 ta' Frar 1976**.[42] Il-konvenut Bonello inħatar Kontrollur minflok Dr. Mifsud Bonnici **fil-5 ta' Novembru 1985**;[43]

- **Sunshine Cruises Limited**: il-konvenut Dr. Mifsud Bonnici inħatar Kontrollur fis-**17 ta' Settembru 1974**.[44] Il-konvenut Bonello inħatar Kontrollur minflok Dr. Mifsud Bonnici **fil-5 ta' Novembru 1985**;[45]

- **Tigullio Limited**: il-konvenut Dr. Mifsud Bonnici inħatar Kontrollur **fit-3 ta' Mejju 1979** u rreżenja fil-**31 ta' Jannar 2003**;[46]

- **Tradefin Limited**: għalkemm fil-*financial statements* tal-1998 jingħad li l-konvenut Dr. Mifsud Bonnici inħatar Kontrollur fis-**16 ta' Frar 1976**[47] u fit-*Third Interim Report* ta' Gatt, Galea & Co jingħad li l-konvenut Bonello inħatar Kontrollur minflok Dr. Mifsud Bonnici **fl-1 ta' Awissu 1994**,[48] Dr.Mifsud Bonnici jiċħad li qatt kien Kontrollur ta' din il-kumpanija;[49]

---

[41] Pġ 89 tat-*Third Interim Report on the Companies Associated with The Bank of Industry, Commerce and Agriculture Limited for the period of 1 January 1992 to 31 December 2002.*
[42] Fol. 224.
[43] Pġ 92 tat-*Third Interim Report on the Companies Associated with The Bank of Industry, Commerce and Agriculture Limited for the period of 1 January 1992 to 31 December 2002.*
[44] Fol. 181.
[45] Pġ 95 tat-*Third Interim Report on the Companies Associated with The Bank of Industry, Commerce and Agriculture Limited for the period of 1 January 1992 to 31 December 2002.*
[46] Pġ 98 tat-*Third Interim Report on the Companies Associated with The Bank of Industry, Commerce and Agriculture Limited for the period of 1 January 1992 to 31 December 2002.*
[47] Fol. 419.
[48] Pġ 100 tat-*Third Interim Report on the Companies Associated with The Bank of Industry, Commerce and Agriculture Limited for the period of 1 January 1992 to 31 December 2002.*
[49] Fol. 691.

- **Universal Investment Company Limited**: il-konvenut Bonello inħatar Kontrollur minflok il-konvenut Dr. Mifsud Bonnici **fil-5 ta' Novembru 1985**;[50]

- **V.I.P. Limited**: fil-11 ta' Diċembru 1972 il-konvenut Dr. Mifsud Bonnici akkwista 'A' *share* f' din il-kumpanija u fis-**17 ta' Settembru 1972** inħatar Kontrollur tal-istess. Fil-**5 ta' Novembru 1985**, il-konvenut Bonello inħatar Kontrollur minflok Dr. Mifsud Bonnici.[51]

11. Fil-31 ta' Awissu 2002, il-konvenut Bonello irreżenja minn Kontrollur tal-B.I.C.A.L. u l-kumpaniji assoċjati surriferiti u minfloku, fl-1 ta' Jannar 2003, inħatret Gatt, Galea & Co.

<u>Interess Ġuridiku</u>

12. Illi permezz tat-tieni eċċezzjoni tal-konvenut Emanuel A. Bonello pro et nomine u permezz tal-ewwel u t-tieni eċċezzjoni tal-konvenut Dr. Carmelo Mifsud Bonnici fit-2 ta' Mejju 1989, qalu illi l-atturi m'għandhomx dritt jippromwovu l-azzjoni odjerna la fil-kapaċità personali tagħhom u tant inqas in rappreżentanza tal-B.I.C.A.L. u tas-soċjetajiet attriċi l-oħra inkwantu r-rappreżentanza ġuridika tal-istess hi għand il-Kontrollur. Fil-5 ta' Mejju 1993 il-konvenut Dr. Mifsud Bonnici żied eċċezzjoni ulterjuri fis-sens illi, in kwantu l-atturi qed jaġixxu fil-kwalità tagħhom personali, iridu jippruvaw l-interess ġuridiku tagħhom fis-soċjetajiet kummerċjali li dwarhom qed jaġixxu f'din il-kawża.

13. Fiċ-ċitazzjoni ġie premess *inter alia* illi: *"l-atturi Cecil Pace u Henry Pace personalment bħala ċessjonarji ta' Gus Export International Limited għandhom jieħdu mingħand il-Malta & Europe Hotels Limited madwar tlett mitt elf lira Maltin (Lm300,000) inklużi l-imgħaxijiet".* Din il-Qorti hija tal-fehma li dik il-pretensjoni personali tal-aħwa Pace kontra Malta & Europe Hotels Limited

---

[50] Pġ 103 tat-*Third Interim Report on the Companies Associated with The Bank of Industry, Commerce and Agriculture Limited for the period of 1 January 1992 to 31 December 2002.*
[51] Fol. 632.

kellha ssir f'kawża kontra l-istess kumpannija. Fil-fatt jirrizulta li kienet diġa' ġiet preżentata kawża fl-ismijiet ***Cecil Pace et vs Emanuel A. Bonello nomine*** (249/86) b'referenza għall-imgħax kompost, deċiża mill-Qorti tal-Appell b'sentenza tat-28 ta' Marzu 2014. Ma kien hemm xejn x'iżomm lill-aħwa Pace milli fejn personalment jippretendu li huma kredituri tal-kumpannija *Malta and Europe Hotels Limited*, jieħdu passi ġudizzjarji biex jirkupraw il-ħlas li jippretendu li kienu intitolati għalih. Din il-kawża ma tistax isservi bħala rimedju fir-rigward tal-pretensjonijiet li l-aħwa Pace personalment seta' kellhom kontra l-kumpannija *Malta and Europe Hotels Limited* fir-rigward tal-kreditu li kellha *GUS Export International Limited*, u li l-Qorti fehmet li kien ġie assenjat lill-aħwa Pace. Ma kien hemm bżonn l-ebda intervent tal-kontrollur/i sabiex fir-rigward tal-pretensjoni tal-aħwa Pace personalment isiru proċeduri ġudizzjarji. F'dan ir-rigward għandu raġun il-konvenut Dr. Mifsud Bonnici li fin-nota ta' sottomissjonijiet qal:

> *"Barra mill-krediti tal-kumpanniji assoċjati mal-Bical, l-atturi qegħdin jippretendu wkoll f'din il-kawża li l-esponent imissu aġixxa kontra l-kumpannija Malta & Europe Hotels għall-ħlas ta' imgħaxijiet komposti fuq il-kreditu perosnali tal-atturi bħala ċessjonarji tal-Gus Export (Gassex). Iżda l-esponent la kellu dritt, u lanqas seta' jagħmel dan, għaliex huwa qatt ma kien responsabbli għall-krediti personali tal-atturi. Għalhekk kienu l-atturi infushom li semmai kellhom id-dmir jikkawtelaw l-interessi personali tagħhom kontra l-kumpannija Malta & Europe Hotels għall-imgħaxijiet komposti"*.

14. L-atturi ppremettew ukoll illi huma l-azzjonisti, kredituri u diretturi tal-B.I.C.A.L. kif ukoll azzjonisti u kredituri direttament u jew indirettament tas-soċjetajiet *Finindustry Ltd, Finexport Ltd, Tradefin Ltd, Universal Investment Company Ltd, M.I.D.C. Ltd, V.I.P. Ltd, Marsa Plastics Ltd, Marsa Industries Ltd, John Bezzina & Sons Ltd, Harris Hughes & Johns Ltd, Maltese Properties Ltd, Polymports Ltd, Sinet (Malta) Ltd, Dolphin Builders Ltd, San Juan Construction Ltd, Carways Ltd, Adelphi Investments Ltd, John N. Cassar Ltd, President Hotels Ltd*, u *President Cleaners Ltd* li tagħhom Cecil Pace huwa ukoll direttur. Isostnu li l-B.I.C.A.L. u l-kumpaniji assoċjati hawn imsemija għandhom jieħdu somom inġenti mingħand is-soċjetà *Malta & Europe Hotels Limited* u permezz ta' din il-kawża iridu jiksbu ordni minn din il-Qorti sabiex il-konvenut jippreżenta kawża kontra l-imsemmija soċjetà debitriċi għall-imgħax kompost fuq l-ammonti minnha dovuti. Fin-nuqqas, talbu li kemm il-konvenut Bonello kif ukoll il-konvenut Dr. Carmelo Mifsud Bonnici, li kien Kontrollur tal-imsemmi Bank u

soċjetajiet assoċjati qablu, jinsabu personalment responsabbli għad-danni *da liquidarsi* f'ġudizzju separat.

15. Fl-affidavit tiegħu a fol. 513 Cecil Pace xehed li '*bħal ma hemm imsemmi fl-okkju ta' din il-kawża, il-kumpaniji u il-Bank huma numru sostanzjali ta' kumpaniji tal-Pace Group illi waqgħu taħt il-kontrolluri bħala kumpaniji assoċjati mal-B.I.C.A.L., sa mill-25 ta' Novembru 1972.'* Effettivament, hekk kif jirriżulta mill-fatti elenkati aktar 'l fuq, il-B.I.C.A.L. u l-kumpaniji kollha li dwarhom l-atturi qed jaġixxu f'din il-kawża bl-eċċezzjoni ta' *Marsa Plastics Ltd* u *San Juan Construction Ltd* huma lkoll kumpaniji li tqegħdu taħt il-kontroll tal-konvenuti Bonello u/jew Dr. Mifsud Bonnici *a tenur* tal-Artikolu 18 tal-Liġi dwar il-Kummerċ Bankarju.

16. Dwar il-kumpaniji *Marsa Plastics Ltd* u *San Juan Construction Ltd*, jekk dawn il-kumpaniji ma kienux fl-amministrazzjoni tal-Kontrollur, l-atturi kellhom jipproċedu direttament kontra *Malta and Europe Hotels Limited* għal kull pretensjoni li allegatament għandhom dawn iż-żewġ kumpaniji fil-konfront tagħha.

17. Fir-rigward tal-B.I.C.A.L. u ta' dawk il-kumpaniji l-oħra li għaddew f'idejn il-Kontrollur, bla dubju, Cecil u Henry Pace ma kellhom l-ebda dritt li fis-17 ta' Marzu 1989 jippreżentaw din il-kawża bħala *qua* diretturi tal-istess inkwantu mal-ħatra tal-Kontrollur l-aħwa Pace ma baqgħux ir-rappreżentanti ġudizzjarji ta' dawk il-kumpaniji. Fil-fatt, fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom[52] l-atturi jikkonċedu li, **'*huma propensi jċedu l-atti tal-kawża fil-vesti tagħhom bħala diretturi, kull fejn ġie maħtur Kontrollur 'de jure' fil-B.I.C.A.L. u f'xi Kumpaniji Assoċjati', kif jirriżulta mill-Interim Report tal-Kontrollur Bonello dwar il-B.I.C.A.L. u l-Kumpaniji Assoċjati'*.**

18. L-atturi jikkontendu iżda[53] li għandhom kull dritt jistitwixxu din il-kawża għaliex minkejja l-ħatra tal-Kontrollur huma għadhom jirrapreżentaw lill-azzjonisti tal-

[52] Fol. 731.
[53] Fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom a fol. 31 tal-proċess.

Bank kif ukoll l-istess Bank vis-a-vis ir-relazzjonijiet bejn dan ta' l-aħħar u l-Kontrollur.

19. F'dan il-kuntest issir referenza għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Civili, Superjuri) fl-ismijiet ***Pace Cecil pro et noe vs Bonello Emanuel A. Pro et noe*** deċiża fl-24 ta' Settembru 2004:[54]

> *'Dawn il-proceduri gew istitwiti mill-atturi ahwa Pace sew fil-vesti taghhom qua President u Vici President rispettivament tal-Bank of Industry, Commerce & Agriculture Limited kif ukoll, in kwantu azzjonisti ta' l-istess socjeta`, fil-vesti taghhom personali. Fis-sentenza appellata l-ewwel qorti rriteniet li in kwantu l-Ministru tal-Finanzi bil-hatra tal-Kontrollur – kif awtorizzat bil-Ligi tal-Kummerc Bankarju - xejjen id-dritt ta' l-atturi li jezercitaw xi kwalita` ta' drittijiet fil-vesti taghhom qua President u Vici President tal-B.I.C.A.L., l-azzjoni ta' l-atturi fil-kwalita` imsemmija "ma hix ammissibbli, ghaliex dawk il-karigi wara in-nomina tal-Kontrollur gew smontati minn kull dritt inkluz kull dritt ta' azzjoni li setgha kellhom bis-sahha ta' dawk il-karigi." Din il-Qorti tikkondividi din il-konkluzzjoni ta' l-ewwel Qorti in kwantu jidher car mil-Artikolu 18 ta' lAtt V ta' l-1970 dwar il-Kummerc Bankarju (l-allura Kap. 215) li l-Kontrollur hekk mahtur jassumi l-kontroll u t-tmexxija tal-kummerc tal-bank u jiehu f'idejh l-attiv ta' l-istess bank sabiex jigu salvagwardati l-interessi tad-depozitanti, tal-kredituri u ta' l-azzjonisti ta' l-istess bank. Effettivament ghalhekk il-hatra tal-Kontrollur iggib fix-xejn dawk il-jeddijiet gja ezercitati mill-President u ViciPresident tal-Bank, kif ukoll tad-diretturi jew Bord tad-Diretturi ta' l-istess Bank.*
>
> ***L-atturi appellanti, pero` qed jagixxu wkoll fil-kapacita` taghhom personali in kwantu jirritjenu li l-konvenut naqas mill-obbligi tieghu ta' amministratur u kontrollur ta' l-imsemmi bank, u liema nuqqasjiet rrekaw danni lil dik is-socjeta` u li konsegwentement huma, qua azzjonisti u kredituri ta' l-istess bank, ghandhom interess li jaraw li listess kontrollur jaghmel tajjeb ghad-danni lilhom hekk kagunati.***
>
> *L-ewwel Qorti osservat li l-ħatra tal-Kontrollur saret mill-Ministru tal-Finanzi a tenur ta' l-Artikolu 18 tal-Liġi dwar il-Kummerċ Bankarju u li bħala tali ma hemmx relazzjoni ġuridika bejn l-azzjonisti tal-Bank u l-istess Kontrollur in kwantu ma jeżisti ebda vinkolu bejn l-azzjonisti u l-Kontrollur bħal dak li jinħoloq f'soċjetajiet anonimi fejn id-diretturi jiġu maħtura u ddelegati mill-istess azzjonisti biex imexxu, f'isimhom, l-azjenda. Inoltre l-ewwel Qorti irriteniet ukoll li ma jista' jkun hemm ebda dritt ta' azzjoni għall-atturi minħabba l-allegazzjoni ta' aġir delittwuż jew kważi, attribwit lill-Kontrollur u dana, skond l-ewwel Qorti, "għaliex id-dannu li dak l-aġir iġib huwa lis-soċjeta` BICAL u mhux lill-azzjonisti tagħha ….."*
>
> *Huwa risaput li sabiex persuna tirradika d-dritt li tistwitwixxi proċeduri ġudizzjarji kontra terz trid qabel xejn turi l-interess ġuridiku biex tistitwixxi dik l-azzjoni liema interess irid ikun dirett, leġittimu u kif ukoll attwali u jrid joħrog minn stat attwali ta' ksur ta' jedd, liema ksur ikun jikkonsisti f'kundizzjoni pożittiva jew negattiva li xxejjen jew tipprova ġġib fix-xejn dritt li jappartjeni lid-detentur jew li lilu jkun mistħoqq. (ara* **Anna Attard et noe.**

[54] Appell Civili Numru. 828/1988/1.

***v. Rev. Patri Serafin Abela noe et**, Prim Awla, 12 ta' Diċembru, 2001). Fl-assenza ta' dan r-rekwiżit ma jistax jingħad li l-attur ikollu interess li jistitwixxi dik l-azzjoni u bħala konsewgenza l-konvenut għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju in kwantu jiġi ritenut bħala mhux il-leġittimu kontradittur.*

*Issa fil-każ in eżami mhux ikkontestat li l-atturi huma azzjonisti kif ukoll kredituri, għalkemm f'ammont indeterminat, tal-Bank of Industry, Commerce & Agriculture Limited. **Il-paragrafu (c) tas-subartikolu (1) ta' l-Artikolu 18 ta' l-Att V ta' l-1970 kien jipprovdi li "Jekk, minn xi rapport maghmul skond l-artikolu 16 ta' dan l-Att, ikun jidher lill-Ministru, wara konsultazzjoni mal-Bank Centrali, illi l-bank ikun qed imexxi l-kummerc tieghu b'mod li jaghmel ħsara lill-interessi tad-depożitanti jew <u>tal-kredituri</u>, jew illi għandu attiv insuffiċjenti ………. il-Ministru jista', wara konsultazzjoni mal-Bank Ċentrali, jipproċedi b'xi wieħed jew iżjed mill-modi li ġejjin:- (ċ) jinnomina persuna biex tieħu f'idejha l-attiv tal-bank jew xi parti minnu <u>sabiex jiġu salvagwardati l-interessi tad-depożitanti, tal-kredituri u ta' l-azzjonisti tal-bank.</u>"** (sottolinear ta' din il-Qorti). **Is-subartikolu (2) ta' l-Artikolu 18 kien jipprovdi wkoll li jekk dik il-persuna tkun nominata skond il-paragrafu (c) fuq imsemmi l-bank għandu jikkonsenjala l-attiv kollu li għandha tieħu f'idejha u s-setgħat kollha tal-bank relattivi għal dak l-attiv ikun eżerċitabbli minnha b'eskluzzjoni tal-bank**. Minn dan naraw li mal-ħatra tal-kontrollur dan isir amministrattur "plenipotenzjarju" ta' dak kollu li jikkonċerna l-ġestjoni ta' dik l-entita` magħrufa bhala bank u bħala tali jissostitwixxi lill-istess bank billi f'dik il-kariga jassumi l-poteri kollha li l-ġestjoni ta' l-istess tikkonferixxi, f'ċirkostanzi normali, lill-Bord tad-Diretturi ta' l-istess bank. Kien għalhekk, kif sewwa osservat l-ewwel Qorti fil-konsiderazzjonijiet tagħha dwar id-dritt ta' azzjoni ta' l-atturi nomine, li d-diretturi ossia l-President u l-Vici President tal-Bank jitilfu kull dritt ta' azzjoni billi dawk il-karigi issa jkunu assorbiti mill-istess Kontrollur.*

*Sfortunatament il-Liġi dwar il-Kummerċ Bankarju tieqaf hawn fir-rigward tal-poteri u l-obbligi tal-Kontrollur. Jidher li darba ssir l-ħatra ta' l-istess Kontrollur, kif qed jiġi sottomess mill-istess konvenut appellat, ma hemm ebda mod kif dan jiġi kontrollat jew regolat fil-ġestjoni u tmexxija tal-bank li issa jkun assuma l-personalita` tieghu. Il-mistoqsija li tagħmel din il-Qorti f'dan l-istadju hija "who controls the controller?" għax jekk il-kredituri u l-azzjonisti li, wara kollox, huma l-partijiet l-aktar interessati fit-tmexxija għaqlija ta' l-intrapriża, m'ghandhomx dritt li jaġixxu kontra l-istess Kontrollur anke jekk jallegaw li l-amministrazzjoni tiegħu tkun ta' dannu għall-interessi tagħhom, min ser jieħu l-briga li jistitwixxi il-proċeduri sabiex jiġu salvagwardati dawn id-drittijiet? F'dan is-sens din il-Qorti ma tistax tikkondividi l-ħsieb ta' l-ewwel Qorti fejn jingħad li ġia la darba d-dannu li dak l-aġir (tal-kontrollur) jkun kaġunat lis-soċjeta` u mhux lill-azzjonisti, ma hemmx dritt ta' azzjoni, u dana mhux biss minħabba l-fatt li **fl-aħħar minn l-aħħar huma l-azzjonisti qua proprjetarji fil-kwoti rispettivi tagħhom ta' l-istess azjenda, li jgawdu jew jbatu mit-tmexxija tajba jew ħazina ta' l-istess azjenda, iżda wkoll billi kif jirriżulta mill-istess subartikolu (ċ) ta' l-Artikolu 18 fuq ċitat, l-istess kontrollur jinħatar principalment fl-interess tad-depożitanti, tal-kredituri u <u>ta' l-azzjonisti tal-bank</u>. Dawn għalhekk ċertament għandhom ikollhom, bħala regola ġenerali, dritt ta' azzjoni kontra l-***

***istess kontrollur jekk jidhrilhom li bl-aġir tiegħu huma qed jiġu preġudikati.***

*... Fil-każ ta' Kontrollur maħtur a tenur ta' l-Artikolu 18 ta' l-Att V tan-1970 jidher li dan la hu rikjest jagħmel inventarju u anqas u anqas hu rikjest li jiskrivi ipoteka 'per bene amministrare' għalkemm huwa ovvju li fil-każ tal-Kontrollur l-assi u l-interessi huma ferm akbar ..."* (Enfażi tal-Qorti).

20. Jonqos għalhekk jiġi misħarreġ jekk l-atturi ġabux prova tal-interess personali tagħhom *qua* azzjonisti fis-soċjetajiet kummerċjali li dwarhom qed jaġixxu f'din il-kawża.

21. L-atturi ppreżentaw diversi dokumenti a fol. 93 *et seq* tal-proċess sabiex juru li huma azzjonisti, direttament jew indirettament tal-B.I.C.A.L. u l-kumpaniji oħra. Dwar dan xehdu ukoll l-attur Cecil Pace u l-konvenut Emanuel Bonello.[55] Fir-raba' affidavit tiegħu a fol. 659, l-attur Cecil Pace jgħid:

*'Jien u hija Henry Albert Pace, azzjonisti u diretturi fil-Bank of Industry, Commerce and Agriculture Limited u l-kumpaniji assoċjati fosthom Finindustry Limited, Finexport Limited, Tradefin Limited, Universal Investment Company Limited, M.I.D.C. Limited, V.I.P. Limited, Marsa Plastics Limited, Marsa Industries Limited, John Bezzina & Sons Limited, Harris Hughes & Johns Limited, Maltese Properties Limited, Polymports Limited, Sinet (Malta) Limited, Dolphin Builders Limited, San Juan Construction Limited, Carways Limited, Adelphi Investments Limited, John N. Cassar Limited, President Hotels Limited, u President Cleaners Limited.*

*Fis-soċjetajiet Bank of Industry, Commerce and Agriculture Limited, Finindustry Ltd, Finexport Ltd, Tradefin Ltd, Universal Investment Company Ltd, M.I.D.C. Ltd, aħna azzjonisti direttament.*

*Għar-rigward il-kumpaniji l-oħra, nispjega li aħna azzjonisti ndirettament tramite soċjetajiet oħra tagħna li huma azzjonisti diretti. Eżempju l-azzjonisti tas-soċjeta V.I.P. Ltd huma M.I.D.C. Ltd u Hugo Pace & Sons Ltd, illum magħrufa bħala H P & S Ltd.*

*Fis-soċjetà President Cleaners Ltd l-azzjonisti huma President Hotels u Maltese Properties Ltd. L-azzjonisti tas-soċjetà Carways Ltd huma Maltese Properties Ltd, Universal Investment Co Ltd u M.I.D.C. Ltd. Fil-kumpanija John Bezzina & Sons Ltd, apparti l-ishma direttament, l-azzjonisti huma Finindustry Ltd, Finexport Ltd, Universal Investment Co Ltd, M.I.D.C. Ltd u Maltese Properties Ltd.*

*L-azzjonisti tas-soċjetà Dolphin Builders Ltd huma s-soċjetajiet Maltese Properties Ltd u John Bezzina & Sons Ltd. F'John N. Cassar Ltd l-azzjonisti apparti Marcel Mifsud huma s-soċjetajiet Tradefin Ltd u Carways Ltd. L-azzjonisti fis-soċjeta Harris, Hughes & Johns Ltd huma*

[55] Fol. 123 et seq. tal-proċess.

> *Universal Investment Company Lt u M.I.D.C. Ltd. Fl-Adelphi Investments Ltd l-azzjonisti huma Dr. Manoel Mizzi u s-soċjetà Universal Investment Company Ltd. Fis-soċjetà Marsa Industries Ltd, l-azzjonisti huma s-soċjetajiet tagħna Universal Investment Company Limited u M.I.D.C. Ltd. L-azzjonisti fis-soċjetà Marsa Plastics Ltd qabel ma nbiegħet mill-istess kontrollur Emanuel A. Bonello kienu s-soċjetajiet John Bezzina & Sons Ltd u M.I.D.C.'*

22. Flimkien ma' dak l-affidavit ippreżenta wkoll Dok CA1 – CA11 (Fol. 613 *et seq.*).

23. Mill-assjem ta' din ix-xhieda u tad-dokumenti kollha eżebiti, il-Qorti sodisfatta li, salv għal Polymports Ltd, Sinet (Malta) Ltd u San Juan Construction Ltd, **l-atturi ġabu prova tal-interess personali tagħhom *qua* azzjonisti fis-soċjetajiet kummerċjali li dwarhom qed jaġixxu f'din il-kawża**.

24. Fir-rigward ta' Polymports Ltd, Sinet (Malta) Ltd u San Juan Construction Ltd, kif se jirriżulta aktar 'l quddiem fil-konsiderazzjonijiet ma jirriżultax li huma kredituri tal-imsemmija Malta and Europe Hotels Limited.

25. **Għalhekk, safejn kompatibbli ma' dak hawn deċiż, filwaqt li l-Qorti qed tilqa' l-ewwel u t-tieni eċċezzjoni sollevati mill-konvenut Dottor Carmelo Mifsud Bonnici fit-2 ta' Mejju 1989, tiċħad it-tieni eċċezzjoni tal-konvenut Emanuel A. Bonello pro et noe. u tiċħad ukoll l-eċċezzjoni ulterjuri sollevata minn Dottor Carmelo Mifsud Bonnici fil-5 ta' Mejju 1993 a fol. 70 tal-proċess.**

Rikors tal-24 ta' Ġunju 2013

26. Fl-24 ta' Ġunju 2013, l-atturi pro. et. noe. ppreżentaw rikors[56] fejn talbu s-segwenti:

> *'... l-esponenti filwaqt li jirreferu għall-Artikolu 402(1) u (3) tal-Kap. 386, sabiex tħares l-interessi tagħhom u tal-kumpanniji tagħhom Bank of Industry, Commerce and Agriculture Ltd, Finindustry Ltd, Finexport Ltd, Tradefin Ltd, Universal Investment Company Ltd, M.I.D.C. Limited, V.I.P. Ltd, Marsa Plastics Ltd, Marsa Industries Ltd, John Bezzina & Sons Ltd, Harris Hughes & Johns Ltd, Maltese Properties Ltd, Polymports Ltd, Sinet (Malta) Ltd, Dolphin Builders Ltd, San Juan Construction Ltd, Carways*

[56] Fol. 704 – 705.

*Ltd, Adelphi Investments Ltd, John N. Cassar Ltd, President Hotels Ltd u President Cleaners Ltd, ai termini ta' l-Artikolu 402(2)u(3)(e), jitolbu awtorizzazzjoni ta' dina l-Onorabbli Qorti u jitolbuha* ***tagħmel ordni sabiex l-esponenti bħala azzjonisti u membri tal-kumpannija jkunu jistgħu jkomplu dawn il-proċedimenti tal-Qorti f' isem u għan-nom tal-kumpanniji msemmija minħabba il-kunflitt ċar ta' interess tal-konvenut li aġixxa bħala kontrollur kemm tal-Bical kif ukoll tal-kumpanniji tagħhom u billi l-konvenuti bħala "the wrongdoers are in control and prevent the company itself from suing****."*

27. L-imsemmi artikolu jipprovdi kif ġej:

> *'****402****.(1) Kull membru ta' kumpannija li jilmenta li l-affarijiet tal-kumpannija jkunu tmexxew jew qed jitmexxew jew aktarx jitmexxew b'mod li, jew li xi att jew ommissjoni tal-kumpannija kienu jew huma jew x'aktarx se jkunu, oppressivi b'mod mhux ġust diskriminatorji kontra, jew b'mod mhux ġust ta' preġudizzju, għal membru jew membri jew b'mod li jkunu kontra l-interessi tal-membri in ġenerali, jista' jagħmel rikors lill-qorti għal ordni taħt dan l-artikolu.*
>
> *(2) Meta r-Reġistratur ikun irċieva rapport fuq kumpannija taħt l-artikolu 410 u dan ikun jidhirlu li l-affarijiet tal-kumpannija qed jitmexxew jew ikunu tmexxew b'mod li jaqgħu taħt it-tifsir tas-subartikolu (1), hu jista' jagħmel rikors lill-qorti għall-ħruġ ta'ordni taħt dan l-artikolu.*
>
> *(3) Jekk dwar rikors magħmul skont is-subartikolu (1) jew (2),il-qorti tkun tal-fehma li l-ilment ikun bażat sewwa u li jkun ġust uekwu li hekk tagħmel, il-qorti tista' tagħmel ordni taħt dawk il-kondizzjonijiet li jidhrilha xierqa –*
>
> *...*
>
> *(e) jordna lill-kumpannija li tibda, tiddefendi, tkompli jew ma tkomplix proċedimenti tal-qorti, jew jawtorizza lil membru jew membri tal-kumpannija li jibdew, jiddefendu, ikomplu jew ma jkomplux proċedimenti tal-qorti f'isem u għan-nom tal-kumpannija; ...'*

28. Il-Qorti, wara li ħadet ukoll konjizzjoni tat-tweġibiet ppreżentati minn Ray Gatt, fil-kwalità tiegħu ta' kontrollur u ta' Dottor Mifsud Bonnici, jidrilha li ladarba hija diġa' sabet li l-atturi għandhom interess ġuridiku jippromwovu l-azzjoni odjerna kif deċiż 'l fuq, **fiċ-ċirkostanzi m'hemmx iktar bżonn ta' xi provvediment dwar l-istess**.

<u>Leġittimu Kontradittur.</u>

29. Permezz tat-tielet eċċezzjoni l-konvenut Bonello eċċepixxa li l-azzjoni odjerna ma tistax treġi stante li huwa ġie maħtur Kontrollur mill-Onorevoli Ministru tal-

Finanzi, bis-saħħa li tagħtih il-Liġi dwar il-Kummerċ Bankarju tal-1970 u kwindi jista' jkun biss l-istess Ministru tal-Finanzi li jipproċedi kontrih.

30. Dwar dan issir referenza għal sentenza oħra mogħtija minn din il-Qorti fl-ismjiet ***Pace Cecil pro et noe et vs Bonello Emanuel A pro et noe*** fit-28 ta' Novembru 2014[57] inkwantu ddeċidiet eċċezzjoni identika:

> *'Il-konvenut Bonello isostni li ġialadarba nħatar mill-Ministru tal-Finanzi, għandu jwieġeb biss lill-persuna li ħatritu. Il-qorti ma taqbilx ma' dan ir-raġunament. Mill-provi rriżulta li l-atturi huma azzjonisti tal-kumpannija. F'dan il-kuntest il-qorti tagħmel riferenza għal sentenza tal-Qorti tal-Appell fil-kawża* ***Cecil Pace et proprio et nomine vs Emanuel Bonello proprio et nomine*** *tal-24 ta' Settembru 2004, fejn intqal:-*
>
> *"mal-ħatra tal-kontrollur dan isir amministrattur "plenipotenzjarju" ta' dak kollu li jikkonċerna l-ġestjoni ta' dik l-entita` magħrufa bħala bank u bħala tali jissostitwixxi lill-istess bank billi f'dik il-kariga jassumi l-poteri kollha li l-ġestjoni ta' l-istess tikkonferixxi, f'ċirkostanzi normali, lill-Bord tad-Diretturi ta' l-istess bank ..."*
>
> *Fl-aħħar mill-aħħar il-kontrollur kien qiegħed jamministra kumpannija li fiha l-atturi, ġialadarba huma azzjonisti, għandhom interess. L-atturi qegħdin jilmentaw mill-modus operandi tal-kontrollur. Il-konklużjoni hi li Bonello hu leġittimu kontradittur.'*

31. Raġunament li japplika *mutatis mutandis* għall-każ odjern u għalhekk **it-tielet eċċezzjoni tal-konvenut Bonello hi miċħuda.**

32. Il-konvenut Bonello qal ukoll[58] illi l-azzjoni ma tistax treġi kontrih personalment għaliex kull ma għamel għamlu fil-kapaċità tiegħu ta' kontrollur u kwindi personalment ma jista' qatt jiġi kkundannat responsabbli għad-danni. Eċċezzjoni simili ġiet ukoll imressqa mill-konvenut l-ieħor Dottor Carmelo Mifsud Bonnici li permezz ta' nota ta' eċċezzjonijiet ulterjuri ppreżentata fil-5 ta' Mejju 1993 sostna li huwa għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju peress li ġie mħarrek biss personalment mentri in kwistjoni hemm l-operat tiegħu fil-kwalità ta' kontrollur tal-Bank u tas-soċjetajiet *de quo*.

---

[57] Citazzjoni Numru. 328/1989/1.
[58] L-ewwel eċċezzjoni.

33. Għal darb'oħra ssir referenza għas-sentenza mogħtija minn din il-Qorti fl-ismijiet ***Pace Cecil pro et noe et vs Bonello Emanuel A pro et noe*** fit-28 ta' Novembru 2014:

> *'Il-konvenut Bonello argumenta wkoll li kull ma għamel "…. qed jagħmlu fil-kapaċita' tiegħu ta' kontrollur u* ***kwindi personalment ma jista' qatt jiġi tenut reponsabbli għad-danni****" (fol. 15). Hawn ukoll il-qorti ma taqbilx. Hu veru li dak li għamel Bonello kienet fil-qadi tad-dmirijiet tiegħu bħala kontrollur. Pero'* ***Kontrollur m'hijiex xi persuna ġuridika u lanqas m'hu l-Gvern. Jekk kien hemm xi nuqqas minn Bonello fil-qadi ta' dmirijietu bħala kontrollur, irid personalment jagħmel tajjeb għal dak in-nuqqas.****'*

34. L-istess argument japplika kemm għall-konvenut Bonello personalment ukoll kif ukoll għall-konvenut l-ieħor Dottor Carmelo Mifsud Bonnici.

35. Konsegwentement, **kemm l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut Bonello kif ukoll l-eċċezzjoni ulterjuri tal-konvenut Dottor Carmelo tal-5 ta' Mejju 1993 a fol. 69 huma miċħuda.**

<u>Preskrizzjoni</u>

36. Fid-29 ta' Diċembru 2014, il-konvenut Dottor Carmelo Mifsud Bonnici eċċepixxa ukoll illi huwa spiċċa minn kontrollur f'Diċembru 1984 u l-atturi ippreżentaw il-kawża fl-1989, ċioé wara l-għeluq ta' sentejn. Għalhekk isostni li fil-konfront tiegħu, l-azzjoni hi preskritta *ai termini* tal-artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili;

> *'**2153**. L-azzjoni għall-ħlas tal-ħsarat mhux ikkaġunati b'reat taqa' bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' sentejn.'*

37. Dr. Mifsud Bonnici spiċċa mill-kariga ta' Kontrollur tal-B.I.C.A.L. fil-**21 ta' Diċembru 1984**.[59] Skont il-provi in atti għall-kumpaniji Finindustry Ltd, Universal Investment Co. Ltd, M.I.D.C. Ltd, V.I.P. Ltd, Marsa Industries Ltd., John Bezzina & Sons Ltd, Harris Huges & Johns Ltd, Maltese Properties Ltd, Polymports Ltd, Sinet (Malta) Ltd, Carways Ltd, Adelphi Investments Ltd, John N. Cassar Ltd, President Hotels Ltd, u President Cleaners Ltd. il-konvenut

[59] Fol. 676 u paġna 1 tat- *Third Interim Report on The Bank of Industry, Commerce and Agriculture Limited for the period of 1 January 1992 to 31 December 2002.*

Bonello inħatar Kontrollur fil-**5 ta' Novembru 1985**.[60] Fir-rigward ta' Dolphin Builders Ltd jirriżulta li l-konvenut Bonello inħatar fis-**7 ta' Frar 1986** u ma jirriżultax li Dr. Mifsud Bonnici kien Kontrollur ta' din il-kumpanija qablu. Għalhekk, fir-rigward tal-B.I.C.A.L. u l-kumpanniji hawn imsemmija, fejn l-konvenut Dr. Mifsud Bonnici kien kontrollur qabel ma nħatar l-konvenut Bonello, il-perjodu ta' sentejn kien diġa' skada meta l-atturi ippreżentaw il-kawża fis-17 ta' Marzu 1989.

38. Għal dak li jirrigwarda Finexport Ltd u Tradefin Ltd, fil-*financial statements* rispettivi għas-sena 1998 jingħad li l-konvenut Dr. Mifsud Bonnici inħatar Kontrollur[61] u li fl-**1 ta' Awissu 1994** irreżenja u minfloku nħatar l-konvenut Bonello. Fit-*Third Interim Report on The Bank of Industry, Commerce and Agriculture Limited for the period of 1 January 1992 to 31 December 2002* issir referenza għall-avviż 533 ppubblikat fil-gazzetta tal-Gvern.

39. Dwar Marsa Plastics Ltd u San Juan Construction Ltd:

- Marsa Plastics Ltd tissemma a fol. 629 fejn jingħad li fil-11 u fil-31 ta' Diċembru 1972 il-konvenut Dr. Mifsud Bonnici akkwista 'A' *shares* f'din il-kumpanija iżda ma jingħadx li nħatar kontrollur tal-istess u dan lanqas ma jirriżulta mill-*financial statements* mill-1 ta' Jannar sat-2 ta' Ġunju 1990.[62] Din il-kumpanija ma tissemmiex fit-*Third Interim Report on the Companies Associated with The Bank of Industry, Commerce and Agriculture Limited for the period of 1 January 1992 to 31 December 2002* probabbilment għax kienet inbiegħet hekk kif xehed Cecil Pace a fol. 660.

- San Juan Construction Ltd ma tissemmiex fir-rapporti u mkien ma tressqet prova li l-konvenut Dr. Mifsud Bonnici kien inħatar Kontrollur.

---

[60] Dr. Mifsud Bonnici jiċħad li kien Kontrollur ta' Finindustry Limited, Harris Hughes and Johns Limited, Marsa Industries Limited u Polymports Ltd qabel inħatar l-konvenut Bonello.
[61] Fol. 419 u 432.
[62] Fol. 208 *et seq*.

40. Madanakollu, fix-xhieda tiegħu, il-konvenut Dr. Mifsud Bonnici jgħid li '***ma kontx kontrollur tal-kumpaniji Finexport, Tradefin, Marsa Plastics, Marsa Industries, Polymports u San Juan Construction Limited**.'*. L-atturi ma ppreżentawx prova dokumentarja ta' nomina tal-konvenut Mifsud Bonnici bħala Kontrollur f'dawk il-kumpanniji u għalhekk m'hemmx prova konkreta li tegħleb ix-xhieda tiegħu.

41. Din il-Qorti tasal għalhekk għall konklużjoni li għal dawk il-kumpaniji li dwarhom l-atturi qed jaġixxu f'din il-kawża u tressqet prova li l-konvenut Dr.Mifsud Bonnici kien inħatar Kontrollur tagħhom, jirriżulta li l-perjodu ta' sentejn kien diġa' għadda mir-riżenja tiegħu ta' kontrollur sa meta kienet preżentata l-kawża fil-17 ta' Marzu 1989.

42. Madankollu l-artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili japplika fil-każ ta' kolpa akwiljana. Id-danni li qegħdin jitolbu l-atturi huma minħabba n-nuqqas tal-konvenuti li jwettqu d-dmirijiet tagħhom bl-aħjar mod fl-interess tal-BICAL u l-kumpanniji assoċjati, u ċjoe' li jagħmlu l-proċedura kontemplata fl-artikolu 1143 tal-Kodiċi Ċivili għall-iskop tal-kapitalizazzjoni tal-imgħax (artikolu 1142 tal-Kodiċi Ċivili) fir-rigward tal-kreditu li kellhom kontra l-kumpannija Malta & Europe Hotels Limited.

43. Da parti tagħhom l-atturi jirreferu għall-artkolu 2123(ċ) tal-Kodiċi Ċivili u jikkontendu li l-preskrizzjoni hija sospiża u ma timxix sakemm tispiċċa t-tutela jew kurazija, jingħata rendikont komplet tal-aġir u amministrazzjoni u jiġu approvati l-kontijiet. Igħidu inoltre li l-preskrizzjoni hija wkoll sospiża a tenur tal-artikolu 2125(a) u (d) tal-Kap. 16, kwantu l-jeddiejiet kondizzjonali ma seħħewx u kien hemm ukoll negozjati pendenti sa mill-1987. Komplew li l-preskrizzjoni tinsab interrotta *a tenur* tal-artikolu 2128 tal-Kap. 16 għaliex:

> '... *ġew ippreżentati diversi atti ġudizzjarji, protesti, ittri uffiċjali u numru ta' kawżi mill-atturi u mill-kumpaniji assoċjati fil-konfront tal-konvenuti kollha mal-ħatra tal-kontrollur fil-kumpaniji assoċjati.*
>
> *28. Għalhekk l-esponenti jissottomettu ukoll li l-eċċezzjoni ulterjuri tal-preskrizzjoni ai termini tal-artikolu 2143 tal-Kap. 16 għandha tiġi miċħuda.'*

44. Fl-ewwel lok, il-preskrizzjoni eċċepita mill-konvenut Dottor Carmelo Mifsud Bonnici hija dik *a tenur* tal-artikolu 2153 tal-Kap. 16 u mhux dik taħt l-artikolu 2143.

45. Filwaqt li l-atturi jostnu li l-perjodu ta' sentejn ġie nterrott permezz diversi atti ġudizzjarji u kawżi oħra *a tenur* tal-artikolu 2128 tal-Kap. 16, ma spjegawx liema huma l-atti ġudizzjarji li wasslu għall-interuzzjoni tal-preskrizzjoni. L-artikolu 2128 tal-Kap. 16 jipprovdi li:

> *'Il-preskrizzjoni tinkiser ukoll b'kull att ġudizzjarju ppreżentat fl-isem tas-sid jew tal-kreditur, innotifikat lill-parti li kontra tagħha wieħed irid li ma jħallix timxi l-preskrizzjoni, u li minnu jkun jidher biċ-ċar illi s-sid jew il-kreditur bi ħsiebhom iżommu l-jedd tagħhom.'*

46. Ladarba l-atturi ma ndikaw l-ebda att ġudizzjarju partikolari li minnu jidher biċ-ċar illi bi ħsiebhom iżommu ferm l-jedd reklamat permezz tal-proċeduri odjerni fil-konfront ta' Dottor Carmelo Mifsud Bonnici, din il-linja difensjonali ma tgħoddx.

47. Jonqos issa jiġi stabbilit kienx hemm sospensjoni tal-perjodu preskrittiv in kwistjoni. L-atturi ċċitaw id-dispożizzjonijiet segwenti:

> *'**2123**. Il-preskrizzjoni ma timxix –*
> *...*
>
> *(ċ) bejn il-persuna taħt tutela jew kurazija u t-tutur jew kuratur tagħha, sa tispiċċa t-tutela jew il-kurazija, u sa jingħataw għal kollox u jiġu approvati l-kontijiet; ...'*
>
> ***2125**. Il-preskrizzjoni hija wkoll sospiża –*
>
> *(a) kwantu għall-jeddijiet kondizzjonali, sakemm il-kondizzjoni ma sseħħx;*
> *...*
>
> *(d) kwantu għal azzjoni għad-danni, matul dak iż-żmienqabel ma ssir il-kawża li fih ikunu qegħdin isirunegozjati bejn il-partijiet kollha jew xi wħud minnhomjew l-assiguraturi tagħhom li jkollhom interess fl-azzjoni kontra xulxin; ...'*

48. L-artikolu 2123(ċ) jipprovdi li l-preskrizzjoni ma timxix bejn <u>il-persuna taħt tutela jew kurazija u t-tutur jew kuratur tagħha</u>, sa tispiċċa t-tutela jew il-kurazija, u sa jingħataw għal kollox u jiġu approvati l-kontijiet; ...'

49. Terġa' ssir referenza għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Civili, Superjuri) fl-ismijiet ***Pace Cecil pro et noe vs Bonello Emanuel A. Pro et noe*** deċiża fl-24 ta' Settembru 2004:[63]

> *'Illi din il-Qorti tara opportun ukoll li tagħmel paragun bejn il-ħatra ta' Kontrollur u l-ħatra ta' tutur għall-persuni mhux kapaċi li jikkuntrattaw. Fil-każ ta' tutur għall-persuna inkapaċi huwa mistenni li qabel ma t-tutur jidħol fid-dmirijiet tiegħu, il-persuna hekk maħtura għandha mhux biss tagħmel inventarju ta' l-assi li tkun ser tamministra iżda wkoll huwa rikjest minnha li tobbliga ruhha, b'ipoteka ta' hwejjigha sas-somma li tigi stabbilita, li tamministra sewwa u bil-ħaqq il-ġid tal-minuri u li tagħti, meta tispiċċa t-tutela, kont sewwa u fidili ta' l-amministrazzjoni.* ***Fil-każ ta' Kontrollur maħtur a tenur ta' l-Artikolu 18 ta' l-Att V tan-1970 jidher li dan la hu rikjest jagħmel inventarju u anqas u anqas hu rikjest li jiskrivi ipoteka 'per bene amministrare' għalkemm huwa ovvju li fil-każ tal-Kontrollur l-assi u l-interessi huma ferm akbar****.'*

50. Għalkemm il-ħatra ta' kontrollur a tenur tal-Att V tal-1970 u l-ħatra ta' tutur huma paragunabbli, l-obbligi u d-doveri relattivi għal dawn iż-żewġ karigi mhumiex l-istess. Fiċ-ċirkostanzi, il-Qorti ma tarax li l-artikolu 2123(ċ) huwa applikabbli għall-kariga ta' Kontrollur maħtur ai termini tal-Att dwar il-Kummerċ Bankarju.

51. L-atturi jikkontendu wkoll li l-preskrizzjoni ġiet sospiża *a tenur* tal-artikolu 2125 tal-Kap. 16. Fl-ewwel lok, jgħidu li t-terminu preskrittiv ġie sospiż għaliex il-konvenut Dottor Mifsud Bonnici nħatar kontrollur mill-Ministru tal-Finanzi u mill-Gvern fil-kumpaniji assoċjati bil-kondizzjoni u sakemm jitħallsu lura l-ammonti dovuti lill-B.I.C.A.L. iżda din il-kondizzjoni ma twettqitx mill-konvenuti.

52. Din il-Qorti ma tarax l-applikabilità ta' dan l-artikolu fiċ-ċirkostanzi. L-azzjoni odjerna tirrigwarda allegat nuqqas tal-kontrolluri li jitolbu imgħaxijiet komposti fir-rigward ta' allegati krediti tal-kumpanija Malta & Europe Hotels Ltd. Mhix kwistjoni ta' jeddijiet kondizzjonali.

53. Fit-tieni lok, l-atturi jikkontendu li t-terminu preskrittiv ġie sospiż għaliex '*ilhom isiru negozjati għal aktar minn 25 sena, mill-1987 sallum.'* Dr. Mifsud Bonnici spiċċa mill-kariga ta' kontrollur tal-B.I.C.A.L. fil-21 ta' Diċembru 1984[64] u fil-5

---

[63] Appell Civili Numru. 828/1988/1.
[64] Fol. 676 u paġna 1 tat-*Third Interim Report on The Bank of Industry, Commerce and Agriculture Limited for the period of 1 January 1992 to 31 December 2002.*

ta' Novembru 1985 fil-maġġoranza tal-kumpaniji assoċjati l-oħra mertu ta' din il-vertenza. Għall-kumplament jiċħad li qatt inħatar Kontrollur. M'hemmx provi li Dr. Mifsud Bonnici qatt ammetta xi responsabbilta għal xi nuqqas fir-rigward tal-pretensjoni tal-atturi, jew li qatt irrinunzja għall-preskrizzjoni.

54. **Għalhekk, tilqa' l-eċċezzjoni ulterjuri li ta Dottor Carmelo Mifsud Bonnici fid-29 ta' Diċembru 2014.**

55. Bla ħsara għal dan, il-konvenut Dottor Mifsud Bonnici ma jissemmiex fl-ewwel u fit-tieni talba b'dan illi t-tielet talba, li hija konsegwenzjali għall-ewwel żewġ talbiet, ma treġix fil-konfront tiegħu.

Mertu

56. F'affidavit li pprezentat fl-24 ta' Ottubru 2003,[65] Cecil Pace kien xehed li fid-data tas-sospensjoni tal-liċenzja tal-B.I.C.A.L., *Malta & Europe Hotels Limited* kienet debitriċi tiegħu u ta' ħuħ Henry Pace, tal-BICAL u l-kumpannija assoċjati fosthom:-

| | |
|---|---|
| *'Dolphin Builders Limited* | *Lm 29,281* |
| *Finindustry Ltd* | *Lm377,728* |
| *Marsa Plastics Ltd* | *Lm 4,422* |
| *Harris Hughes & Johns Ltd* | *Lm 477* |
| *President Hotels Ltd* | *Lm 18,382* |
| *Carways Ltd* | *Lm 56* |
| | *Lm430,346* |

*…*

| | |
|---|---|
| *BICAL Overdraft* | |
| *Lm170,000 @ 8% p.a.* | |
| *On capital and on compound interest* | *Lm698,773* |
| *...* | |
| *Gussex Loan due to Cecil & Henry Pace* | |
| *Lm180,000 @ 8% x 19 years* | *Lm669,600'* |

[65] Fol. 532.

57. Għalkemm f'din il-kawża l-atturi qed jaġixxu dwar kumpaniji oħra oltre dawk imsemmija, ma tressqux provi li l-kumpaniji kollha li jissemmew bħala atturi kienu kredituri tal-kumpanija Malta & Europe Hotels Limited. Skond it-tielet *interim report* li sar minn Gatt, Galea & Co, il-kumpannija Malta & Europe Hotels Limited dawn il-kredituri:-

1. BICAL;
2. Dolphin Builders Limited;
3. Finindustry Limited;
4. Harris Hughes & Johns Limited;
5. President Hotels Limited;
6. Carways Limited;
7. M & P.P. Limited;
8. H.P. & S Limited.

58. L-aħħar żewġ kumpanniji (numru 7 u 8) ma jirriżultax li huma attur fil-kawża.

59. Fl-istess rapport jingħad hekk fil-parti li titratta l-*Malta and Europe Hotels Limited*[66]:-

> *"3.4 In order to enable him to dispose of the hotel, on 15 June 1990, Mr Emanuel A. Bonello as Controller of B.I.C.A.L and its associated companies, reached an agreement with Dr. Antoine Fiott LL.D, who was appointed ad hoc Controller of Malta and Europe Hotels Limited, and Dr.Giovanni Bonello LL.D, as legal representative of Dr. Michele Martone, to appoint Dr. Richard Galea Debono as arbiter to deliver judgement on the issues pending between the parties involved. The said judgement was agreed to be ultimately binding on all parties upon the matters in dispute.*
>
> *3.5. The agreement laid down the terms of reference of the arbiter which required him to establish and determine:*
>
> *(a) the extent of capital indebtedness of Malta and Europe Hotels Limited towards B.I.C.A.L. and its associated companies;*
> *(b) the duration and amount of interest payable to B.I.C.A.L. and its associated companies on amounts owed to them by Malta and Europe Hotels Limited ...*
>
> *3.7 The arbitration proceedings took much longer than expected to conclude. After several years in arbitration, in April 1997, the arbiter delivered his judgement in favour of Malta and Europe Hotels Limited and*

[66] Fol. 572 (ara paġna 43 tar-rapport *'Third Interim Report on the Companies Associated withThe Bank of Industry, Commerce and Agriculture Limited for the period 1 January ż992 to 31 December 2002'*).

*consequently, the amounts payable by the latter to B.I.C.A.L. and its associated companies as disclosed in the the accounting records of Malta and Europe Hotels Limited had to be substantially revised downards. Despite that the arbiter's decision had to be final and binding on all parties concerned, the B.I.C.A.L. Controller had aggressively objected to the judgement on certain legal aspects. In order not to enter into more legal conflicts and further prolonging the final settlement,* ***all parties agreed to reduce their original claims and an amicable settlement was reached on 4 December 1988. Under this settlement, it was established that the following were the amounts owed by Malta and Europe Hotels Limited to B.I.C.A.L. and its associated companies…….***

*It was futher stipulated by the parties to this settlement agreement that as from 30 September 1991, interest shall accrue in favour of B.I.C.A.L and its associated companies at the rate of five point five percent (5.5%) per annum.*

***3.8 The secured portions of the above-mentioned original principal outstanding were settled on the date of sale of the Grand Hotel Excelsior on 30 September 1991, whereas the remaining unsecured portions of debts, together with the relative accumulated accrued interest up to the date of settlement, were paid off on 1 June 1999"*** (enfażi tal-qorti).

60. Għalhekk hu evidenti li fil-mori tal-kawża saret transazzjoni u eventwalment sar il-ħlas. Dan ifisser li seħħet l-estinzjoni tal-obbligazzjoni ta' *Malta & Europe Hotels Limited* fil-konfront tal-B.I.C.A.L. u l-kumpanniji assocjati fuq imsemmija. **Mela llum m'hemmx bażi sabiex jittieħdu proċeduri ġudizzjarji kontra *Malta & Europe Hotels Limited* għall-ħlas ta' imgħax kompost.**

61. Hu veru li l-atturi iddiskrevew id-deċiżjoni tal-arbitraġġ bħala *'inaċċettabbli'* (ara paragrafu 18 tan-nota ta' sottimissjonijiet tagħhom). L-aħwa Pace argumentaw li ma kinux parti għall-arbitraġġ u l-ftehim bonarju.

62. Hu minnu li l-kawża in eżami kienet diġa' pendenti meta ġie deċiż l-arbitraġġ u sar il-ftehim. Pero' b'daqshekk ma jfissirx li dak li seħħ fil-mori tal-kawża hu irrilevanti. Dawk l-iżviluppi fihom infushom huma provi li *Malta & Europe Hotels Limited* m'għadhiex debitur tal-pretensjonijiet tal-BICAL u kumpanniji assoċjati.

63. M'huwiex il-kompitu ta' din il-qorti li tistħarreġ il-ftehim li ġie konkluż jew l-arbitraġġ, ġialadarba dawk mhumiex il-meritu tal-kawża. Għalkemm l-atturi ma jaqblux ma' dak il-ftehim, jibqa' 'l fatt li kien konkluż u l-qorti ma tistax tiskartah.

64. Ġialadarba hemm il-prova li kreditu ma jeżistix, l-ewwel żewġ talbiet ma jistgħux jirnexxu.

65. Jekk imbagħad l-atturi għandhom xi pretensjoni kontra l-kontrollur li kien ikkonkluda l-ftehim, kwistjoni ta' dik ix-xorta żgur li mhijiex il-meritu ta' din il-kawża.

66. Ovvjament l-avukat Mifsud Bonnici ma jistax jinżamm responsabbli ta' dak li għamel ħaddieħor wara li ma baqax kontrollur tal-BICAL u l-kumpanniji assoċjati. L-istess japplika għas-suċċessur tiegħu, għall-perjodu li fih ma kienx kontrollur.

67. F'kull każ, l-ewwel żewġ talbiet tal-atturi mhumiex sostenibbli. Huma jippretendu li l-imgħax kompost ilu jiddekorri s-snin.[67] Fir-rigward tal-kumpanniji assoċjati l-kalkoli dwar l-imghaxijiet fuq l-imgħaxijiet saru għall-perjodu ta' 19 il-sena. Skond l-**artikolu 1142 tal-Kodiċi Ċivili**:-

> *"L-imgħaxijiet magħluqa jistgħu jagħtu mgħaxijiet oħra, sew, bis-saħħa tad-disposizzjonijiet ta' l-artikoli ta' qabel dan,* ***minn dak in-nhar tat-talba ġudizzjarja*** *għaldaqshekk jew bi ftehim li jsir wara li jagħlqu, basta, li fil-każ il-wieħed u l-ieħor, l-imgħaxijiet ikollhom jingħataw għal żmien ta' mhux anqas minn sena".*

68. Ma tressqitx prova li kienet saret talba ġudizzjarja kontra *Malta & Europe Hotels Limited* għall-ħlas ta' imgħaxijiet fuq l-imgħaxijiet. Il-konvenut Dr.Carmelo Mifsud Bonnici xehed:

> '*Imħallef: Min-naħa ta' Pace qatt kellmuk biex lilek jgħidulek li inti bħala kontrullur jew bagħtulek xi ittra biex jgħidulek mexxi fuq dawn il-krediti li huma dovuti fuq dawn il-kumpaniji?*
>
> *KMB: Ie, qatt ma qaluli u lanqas huma ma ħadu azzjoni.*
>
> *Imħallef: Qatt qalulek biex tibgħat ittra uffiċjali?*
>
> *KMB: Le, qatt u lanqas huma ma għamluha.*

[67] Ara l-kalkoli li għamel Cecil Pace fl-affidavit tal-24 ta' Ottubru 2003 a fol. 532.

*Imħallef: Dr. Mifsud Bonnici jien qed nistaqsik fil-perjodu li domt kontrollur, jiġifieri sa Diċembru 1984, għidli inti.*

*KMB: iżgur qatt.'*[68]

69. Il-konvenut Bonello xehed ukoll:-

*'Avukat: Għar-rigward tal-krediti li kellu l-Bank u l-kumpaniji assoċjati f'din iċ-ċitazzjoni, kontra l-Malta and Europe Hotels Ltd, inti qatt għamilt xi talba formali lil Malta and Europe biex iħallsu l-imgħaxijiet komposti dovuti lill-Bank, u lill-kumpaniji assoċjati.*

*Xhud: Le.*

*Avukat: Xi ittra uffiċjali jew ċitazzjoni m'għamiltx lanqas.*

*Xhud: Lanqas.'*[69]

70. Għalhekk, f'kull każ m'hemmx l-elementi rikjesti mil-liġi sabiex l-imgħaxijiet magħluqa jibdew jagħtu mgħaxijiet oħra.

71. Il-Qorti żżid li fin-nota ta' sottomissjonijiet l-atturi arumentaw li peress li sas-sena 1985 l-imgħaxijiet kienu laħqu l-ammont tal-kapital, *"6.... waqfu hemm u ma baqgħux jiżdiedu aktar jekk ma jingħaddux ukoll l-imgħaxijiet komposti"*. Isostnu li kien għalhekk meħtieġ li jipproteġu l-interessi tal-BICAL u l-kumpanniji assoċjati, u *"7...... kien hemm il-bżonn illi l-konvenuti Kontrolluri jippreżentaw ċitazzjoni kontra s-soċjeta Malta & Europe Hotels Limited għall-imgħaxijiet jew imgħaxijiet komposti* ***almenu mis-sena 1985 'il quddiem****"*. Hekk ukoll fl-aħħar tan-nota ta' sottomissjonijet argumentaw:

*"98. L-atturi talbu d-danni fit-tielet talba tagħhom, fin-nuqqas li l-Kontrolluri ma pproteġewx u ma ssalvagwardjawx l-interessi tagħhom tal-BICAL u tal-kumpanniji assoċjati, billi b'ċitazzjoni, ma talbux l-imgħaxijiet komposti mingħand is-soċjeta Malta & Europe Hotels Limited mill1984 'il quddiem, skond l-ewwel u t-tieni talbiet tagħhom, minkejja li kienu ġew interpellati jagħmlu dan fis-sena 1989 permezz ta' protest ġudizzjarju u din il-kawża"*.

72. Pero' irriżulta kif fis-sena 1985 Dr. Mifsud Bonnici ma kienx għadu kontrollur. Għalkemm l-atturi argumentaw li l-kontrollur il-ġdid kien il-*lunga manus* ta' Dr.Mifsud Bonnici, hu evidenti li meta ma baqax kontrollur, Dr. Mifsud Bonnici ma kellux x'jaqsam xejn iktar mal-BICAL u l-kumpanniji assoċjati.

---

[68] Fol. 683 – 684.
[69] Fol. 146.

73. B’referenza għall-argument tal-konvenut li l-kapital kien illikwidu u għalhekk ma setax jiddekorri imgħax fuq l-ammont (ara nota ta’ sottomissjonijiet preżentata fit-28 ta’ Ottubru 2014), is-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Cecil Pace et vs Emanuel A. Bonello et** (249/1986/1) tgħid mod ieħor. L-*interim reports* infushom juru li imgħax kien għaddej fuq is-*sorte* (ara fol. 44 tat-*third interim report*). Inoltre irrispettivament jekk il-kapital huwiex kontestat jew le, fejn obbligazzjoni tkun ta’ xorta kummerċjali, l-imgħax igħaddi minn dakinhar li l-obbligazzjoni kellha tkun eżegwita (artikolu 1141(1) tal-Kodiċi Ċivili). Għalkemm fl-istess nota intqal li f’dan il-każ il-kreditu ma kienx faċilment likwidabbli, mhemm xejn x’juri li ma kienx.

74. Fir-rigward tal-pretensjoni għad-danni fir-rigward tan-nuqqas li ssir il-proċedura kontemplata fl-artikolu 1143 tal-Kodiċi Ċivili, il-Qorti żżid tosserva:-

i. Fi żmien li Dr. Mifsud Bonnici kien kontrollur ma kienx jidher li hemm prospetti tajbin li l-kumpannija *Malta & Europe Hotels Limited* kienet f’qagħda finanzjarja li tagħmel tajjeb għall-kapital u l-imgħax sempliċi li kellha tħallas lil BICAL u l-kumpanniji assoċjati, aħseb u ara għall-imgħax kompost (fol. 702). Rilevanti f’dan ir-rigward hi l-kirja li kellha *Pabros Limited* li saret fit-2 ta’ Diċembru 1970. Għalkemm *Malta & Europe Hotels Limited* ħadet il-passi sabiex tittermina l-kirja, mill-*financial report* għall-perjodu li għalaq fil-31 ta’ Diċembru 1998 jirriżulta li l-kawża kienet għadha pendenti fil-Qorti tal-Appell. Sad-data meta Dr. Mifsud Bonnici kien kontrollur, il-lukanda kienet għadha ma nbiegħetx u kien għad hemm l-appell pendenti. Dawk il-proċeduri pendenti jikkoraboraw il-verżjoni li ta Dr. Mifsud Bonnici meta xehed.

ii. Il-Qorti lanqas ma tifhem kif jekk l-atturi kienu daqstant ċerti mid-drittijiet tal-BICAL u kumpanniji assoċjati fil-konfront ta’ *Malta and Europe Hotels Limited,* kif stennew sal-1989 sabiex jagħmlu l-kawża, ċjoe’ wara li Dr. Mifsud Bonnici kienu ilu diġa’ s-snin li spiċċa mill-kariga ta’ kontrollur. Nuqqas li fih innifsu jindika li Pace

stess ma kinux konvinti li hemm prospetti tajbin li *Malta & Europe Hotels Limited* ser tħallas il-kapital u l-imgħax sempliċi, aħseb u ara kemm ser tħallas l-imgħax kompost.

iii. M'hemmx prova li Dr. Mifsud Bonnici għamel xi ħaġa jew naqas milli jagħmel xi ħaġa li biha ppreġudika l-kapital u l-imgħax sempliċi tal-krediti li kellhom il-BICAL u kumpanniji assoċjati fil-konfront ta' *Malta & Europe Hotels Limited.*

iv. Għal dak li jirrigwarda Emanuel Bonello, ovvjament ma seta' qatt jinżamm responsabbli għal dak li seta' sar f'perjodu meta ma kienx kontrollur, ċjoe' qabel l-1985 u fir-rigward ta' ċerti kumpanniji assoċjati l-1986.

v. Fir-rigward tal-perjodu mill-1985, jidher li ma kien hemm xejn x'iżomm lil Bonello milli jagħmel il-proċedura skond l-artikolu 1143 tal-Kodiċi Ċivili sabiex l-imgħax jiġi kapitalizzat. Pero' il-Qorti m'hijiex konvinta li dan kien ser iwassal sabiex jitħallsu iktar flus lil BICAL u l-kumpannija assoċjati li kienu kreditur *Malta & Europe Hotels Limited.* Wieħed irid jiftakar li l-kwistjonijiet li kien hemm bejn dawk il-partijiet kienu spiċċaw f'arbitraġġ u eventwalment fi ftehim li wasslu sabiex il-kontrollur jirkupra l-kapital li kien garantit fil-ġurnata tal-bejgħ tal-lukanda (30 ta' Settembru 1991), filwaqt li l-bilanċ tad-dejn mhux garantit tħallas fl-1 ta' Ġunju 1999. Dan iktar u iktar meta tikkunsidra li fl-14 ta' Lulju 1989 kien inħareg mandat ta' inibizzjoni minn Michele Martone, azzjonist tal-kumpannija *Malta & Europe Hotels Limited*, li waqqaf lill-kontrollur milli jbiegħ il-lukanda sabiex jitħallas id-dejn. Hu faċli li *with hindsight* wieħed jikkritika d-deċiżjonijiet li ħa l-kontrollur, pero' jibqa' l-fatt li fi ftit snin kemm kien ilu jokkupa l-kariga ta' kontrollur, Bonello irnexxielu jiġbor il-kapital u parti sostanzjali mill-imgħax. Dan ovvjament seta' jsir biss bil-bejgħ tal-lukanda u l-ftehim li ikkonkluda. Fiċ-ċirkostanzi l-Qorti ma tistax tasal biex tikkonkludi li Bonello naqas milli jwettaq dmirijietu bl-aħjar mod fl-interess tal-

kumpanniji li tagħhom kien kontrollur, bis-sempliċi fatt li ma kienx għamel il-proċedura kontemplata fl-artikolu 1142 tal-Kodiċi Ċivili.

**Għal dawn il-motivi u safejn kompatibbli mal-konsiderazzjonijiet li saru hawn fuq, filwaqt li l-Qorti tiċħad ir-rikors tal-atturi tal-24 ta' Ġunju 2013, tiddeċiedi din il-kawża billi:**

**(i) tilqa' l-ewwel u t-tieni eċċezzjonijiet tal-konvenut Dottor Carmelo Mifsud Bonnici li nghataw fit-2 ta' Mejju 1989;**

**(ii) tiċħad it-tieni eċċezzjoni tal-konvenut Emanuel A. Bonello proprio et. nomine u tiċħad ukoll l-eċċezzjoni ulterjuri sollevata minn Dottor Carmelo Mifsud Bonnici fil-5 ta' Mejju 1993 a fol. 70 tal-proċess. Spejjeż a karigu tal-konvenuti li taw l-eċċezzjoni;**

**(iii) tiċħad it-tielet eċċezzjoni tal-konvenut Bonello. Spejjeż a karigu tiegħu;**

**(iv) tiċħad l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut Bonello kif ukoll l-eċċezzjoni ulterjuri tal-konvenut Dottor Carmelo Mifsud Bonnici tal-5 ta' Mejju 1993 a fol. 69. Spejjeż a karigu tal-konvenuti li taw l-eċċezzjoni;**

**(v) tiċħad l-eċċezzjoni ulterjuri ta' preskrizzjoni estintiva li l-konvenut Dottor Carmelo Mifsud Bonnici ta fid-29 ta' Diċembru 2014. Spejjeż a karigu tiegħu;**

**(vi) tiċħad it-talbiet tal-atturi.**

**Salv għal dak li ntqal hawn fuq, l-ispejjeż huma a karigu tal-atturi.**

A. Ellul